MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 479/2005

**Elmo Insurance Limited (C3500) kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Mark Anthony Grima u l-istess Mark Anthony Grima (ID 0594255M)**

**Vs**

**Carmel Portelli**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-17 ta Frar 2005 fejn gie mitlub sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta tliet mija u tnejn u sitin liri Maltin u tnejn u tmenin centezmu (Lm362.82) rapprezentanti valur ta danni sofferti fil-vettura tal-attur f'incident stradali li sehh il-Mellieha fit-18 ta Mejju 2001 bejn il-vettura numru BVY 008 misjuqa mill-konvenut u l-vettura numru GMA 888 proprjeta tal-attur ghal liema incident kien unikament responsabbli l-istess konvenut.
Bl-ispejjes inkluzi dawk ta l-ittra ufficcjali datata 24 ta' Marzu 2003, tal-ittra ufficcjali prezentata kontestwalment

ma dan l-avviz ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proceduri u bl-imghax legali b’effett mill-24 ta Marzu 2003 sad-data tal-effettiv pagament.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment skond il-ligi il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tal-15 ta Mejju 2006, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta tal-lum u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz id-dokumenti esebiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur s-somma rikjesta ta’ tliet mija u tnejn u sittin lira Maltin u tnejn u tmenin centezmu (Lm362.82) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mill-24 ta Marzu 2003 u bl-ispejjez kollha kif rikjesti u ta dina l-istanza kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------